MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2009

Numru 396/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Johann Calleja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Johann Calleja ta’ 22 sena, iben Joseph u Carmen nee’ Amaira, imwieled Pieta’ nhar id-9 ta’ Settembru 1985, residenti 50 Triq Santa Marija, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 459585(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :
B’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda.

1. Matul ix-xahar ta' April 2008 u fix-xhur ta' qabel ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond bin-numru 50, Triq Santa Marija, Bormla liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur, bil-persuna u bil-lok ghad-dannu ta' ommu Carmen Calleja minn Bormla.

2. Matul ix-xahar ta' April 2008 u fix-xhur ta' qabel uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd cioe lil ommu Carmen Galea sabiex jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u talli wasal bil-hsieb tieghu f' dan il-ghan.

3. Matul dawn l-ahhar xhur, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta'ommu Carmen Calleja, liema persuna ghalqet l-eta' ta' sittin sena u tbaghti minn marda tal-gisem jew tal-mohh fi grad li minhabba tali marda ma tistax tiddefendi ruhha sew.

4. Nhar it-3 ta' Mejju 2008 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, gab ruhu b' tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf li, b' tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza.

5. Nhar it-3 ta' Mejju 2008 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, fil-waqt li kien fil u hdejn il-fond numru 50, Triq Santa Marija, Bormla ikkawza diversi hsarat volontarji, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli ghad-dannu ta' ommu Carmen Calleja, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) u anqas minn 1164. 69 Euros (hames mitt Lira Maltija).

6. Nhar it-3 ta' Mejju 2008 u fil-granet u xhur ta' qabel, hedded lil ommu Carmen Calleja bi kliem.

7. Nhar it-2 u t-3 ta' Mejju 2008 kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

8. Nhar it-2 u t-3 ta' Mejju 2008 qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom

x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt  il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta' Gunju 2009 (esebita a fol. 123 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 214, 221(1) (3) (a) (4), 222 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b) fl-artikoli 251, 251B u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
c) fl-artikoli 325(1) (b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
d) fl-artikoli 249 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
e) fl-artikoli 338 (bb), 338(dd) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
f) fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
g) fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda hsara volontarja, u vjolenza u theddid ezercitati minn iben (l-imputat) li ghandu problema akuta mill-abbuz tad-droga fil-konfronti ta’ ommu Carmela Calleja, mara anzjana li kienet tghix bil-pensjoni  Mill-provi rrizulta li l-imputat kien jghix ma ommu u wara li miet missieru beda’ jabbuza mid-droga u kien jiehu l-affarijiet mid-dar li kienu propjeta’ ta’ ommu sabiex ibieghhom halli jiffinanzja l-problema tieghu.  Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat kien isawwat lill-ommu sabiex igieghelha taghtih il-flus u meta hija bdiet tiddepozita l-pensjoni l-bank huwa kien igieghelha tmur mieghu l-bank sabiex tigbed il-flus u tghaddihomlu. Fit-3 ta’ Mejju 2008 l-imputat mar id-dar ta’ ommu kiser tieqa sabiex jidhol gewwa u mbaghad mar quddiem id-dar ta’ habiba taghha fejn ommu kienet marret ghaliex kienet qed tibza minn binha u ghamel hafna storbju barra din id-dar.

Carmela Calleja, omm l-imputat, xehdet fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2008 fejn spjegat li fit-3 ta’ Mejju 2008 l-imputat kien talabha l-flus u meta hija staqsietu il-ghala kellu bzonn il-flus huwa rrisponda li ried jibda programm kontra l-abbuz mid-droga izda hija ma emnitux u rrifjutat li taghtih il-flus. Carmela Calleja spjegat li f’dan l-istadju l-imputat kisser il-hgiega tat-tieqa tas-salott u beda jaqla’ l-pumijiet minn mal-bibien. Hija qalet ukoll li qabel din l-okkazjoni l-imputat kien hadilha hafna affarijiet mid-dar, bhal microwave oven, television, dvd player, playstation u computer. Carmela Calleja qalet li dakinhar tat-3 ta’ Mejju kienet marret ghand habiba taghha Mary Night sabiex tinghata l-assistenza ghaliex kienet qed tibza minn binha u waqt li kienet hemm l-imputat rega’ dahal id-dar u kisser xi hgieg iehor, tefa’ xi gandlieri mal-art u kisser xi pupi tal-porcellana u frames u sideboard.  Din ix-xhud spjegat ukoll li binha kien igieghelha taghtih il-flus sabiex jixtri d-droga u qalet li f’madwar tlett okkazjonijiet huwa kien gieghelha tmur mieghu il-bank sabiex tigbed il-flus u taghtihomlu.  Hija spjegat ukoll li meta kienet tirrifjuta li taghtih il-flus kien jibda jghajjat maghha u gieli wadbilha xi affarijiet u darba minnhom hebb ghaliha u laqatha fuq geduma. Carmela Calleja qalet li meta l-imputat kien jiehu l-affarijiet mid-dar kien jghidilha li kien qed jehodhom ghat-tiswija izda mbaghad ma kienx igibhom lura.

L-imputat irrilaxxja stqarrija lil Pulizija fit-3 ta' Mejju 2008 (inserita a fol. 19, 20 u 21 tal-process) fejn ikkonferrma li kellu problema mill-abbuz tad-droga u qal li gieli kien jiehu xi flus lill-ommu sabiex jiffinanjza din il-problema. Huwa kkonferma wkoll li kien ha microwave, playstation, computer, telephone dvd player, fan, televison u xi affarijiet ohra mid-dar t'ommu sabiex ibieghhom u spjega li dawn l-affarijiet kienet xtrathom ommu u ghalkemm ma haditx pjacir li kien ser ibieghhom accettat. Huwa kkonferma wkoll li kien ipperswada lil ommu tmur mieghu il-bank sabiex tigbed il-flus u taghtihomlu izda cahad li qatt sawwat lil ommu sabiex taghtih il-flus. Huwa kkonferma wkoll li fit-3 ta' Mejju 2008 kien kiser hgiega tad-dar t'ommu u qal wkoll li gieli kisser xi affarijiet ohra fid-dar t'ommu meta kien irrabjat f'dawk l-okkazjonijiet fejn hija kient tirrifjuta li taghtih il-flus.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota tieghu tas-16 ta' Gunju 2009 l-Avukat Generali indika li l-imputat jista' jinstab hati tar-reat ta' offiza ta' natura hafifa bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 222 stante li l-vittma kienet ommu, kif ukoll bir-reati kontemplati fl-Artikoli 251 u 251B u cioe' li uza vjolenza kontra persuna privata jew inkella li gieghelha tahseb li ser tintuza vjolenza kontriha, bir-reat ta' hsara volontarja, bir-reat ta' theddid permezz ta' kitba kontemplat fl-Artikolu 249 tal-Kodici Kriminali u bil-kontravenzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 338(bb) u (dd) tal-Kodici Kriminali u cioe' li qal kliem oxxenn fil-publiku u bil-ksur ta' buon ordni u paci pubblika. Irid jigi rilevat li fic-charge sheet l-imputat kien gie akkuzat ukoll bis-serq aggravat bil-vjolenza, bil-persuna u bil-valur kif ukoll li hedded lil ommu bil-kliem izda dawn ir-reati ma gewx indikati mill-Avukat Generali meta huwa elenka l-Artikoli tal-ligi li tahthom il-Qorti tista' issib htija u l-Qorti hija marbuta bl-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali u ghalhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha sabiex tikkunsidra liema mir-reati ndikati mill-Avukat Generali jirrizultaw pruvati o meno.

Jibda sabiex jinghad li l-Qorti li semghat lill-omm l-imputat tixhed f'dawn il-proceduri ma ghandha ebda dubju dwar il-kredibilta' ta' din l-omm b'qalba mugughha li qalet li kienet kostretta taghmel ir-rapport fil-konfronti ta' binha stante li ma setghatx tissaporti aktar l-agir tieghu. Irid jinghad ukoll li l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata kkonferma kwazi dak kollu li kienet qalet ommu hlief ghal fatt li huwa gieli kien isawwatha sabiex hija taghtih il-flus.

Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' Carmela Calleja kif ukoll mill-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni r-reati kontemplati fl-Artikoli 214, 221 u 222, 325, 251 u 251B u l-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imsemmija reati u kontravenzjoni. In kwantu jirrigwarda ir-reat ta' theddid bil-kitba kontemplat fl-Artikolu 249 u ndikat mill-Avukat Generali l-Qorti jidrilha li kull ma rrizulta kien li l-imputat gieli hedded bil-fomm lil ommu izda bl-ebda mod ma rrizulta li qatt sar xi theddid bil-kitba u l-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat minn din l-akkuza. L-anqas ma gie pruvat li l-imputat qal xi kliem oxxenn fil-pubbliku izda gie pruvat biss li huwa kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied fit-3 ta' Mejju 2009 meta huwa mar jghajjat u jaghmel l-istorbju quddiem id-dar tal-habiba t'ommu Mary Night u l-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat mill-akkuza li qal kliem oxxen fil-pubbliku u misjub hati in kwantu jirrigwarda l-kontravenzjoni ta' ksur tal-buon ordini u paci pubblika.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2008 Carmela Calleja, omm l-imputat irrinunzjat ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfronti ta' binha izda nonostante cio' din il-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva anki jekk fil-minimum, kemm minhabba ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn l-imputat uza vjolenza fil-konfronti ta' ommu persuna anzjana u wahidha li del resto kienet qed tmantih u dan sabiex jissostanzja l-problema tal-abbuz mid-droga u anki ghaliex waqt li l-imputat kien taht arrest preventiv huwa wera certu riluttanza sabiex jirriforma ruhu u jibda' programm kontra l-problema tal-

abbuz mid-droga. Il-Qorti izda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex, jekk l-imputat juri x-xewqa, huwa jinghata l-assistenza kollha mehtiega sabiex jibda programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga. Irid jigi rilevat li sfortunatament omm l-imputat mietet fil-mori ta' dawn il-proceduri u ghalhekk f'dan l-istadju huwa superfluwu u inutili li jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 indikati mill-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mil-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-16 ta' Gunju 2009 u senjatament l-Artikoli 17,18, 31, 214, 221 (1) u (3) (a) u (4), 222, 251, 251B, 325 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Johann Calleja hati tar-reati kollha indikati mill-Avukat Generali fl-imsemmija nota tieghu tas-16 ta' Gunju 2009, salv ghar-reat ta theddid bil-miktub u ghall-kontravenzjoni ta' kliem oxxenn fil-pubbliku ghal-liema huwa qed jigi dikjarat mhux hati u mill-liema huwa qed jigi liberat ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq, u tikkundannah tnax(12) il-xahar prigunerija mill-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------